



European
Enterprise Promotion
Awards

2019

Il-Premju Ewropew għall-Promozzjoni tal-Intrapriża jidentifika u jirrikonoxxi lil dawk li jippromwovu bl-akbar suċċess l-intrapriża u l-intraprenditorija madwar l-Ewropa, li juru l-aħjar linji politiċi u prattiċi tal-intraprenditorija, li joħolqu għarfien akbar dwar il-valur miżjud tal-intraprenditorija, u li jinkoraġġixxu u jispiraw lil intraprendituri potenzjali.

Hemm sitt kategoriji:

- **Promozzjoni tal-ispirtu intraprenditorjali**
Dan jirrikonoxxi inizzjattivi fuq livell nazzjonali, reġjunali jew lokali li jippromwovu mentalità intraprenditorjali speċjalment fost iż-żgħażaġh u n-nisa.
- **Investiment fil-ħiliet intraprenditorjali**
Dan jirrikonoxxi inizzjattivi fil-livell nazzjonali, reġjunali jew lokali biex jittejjbu l-ħiliet intraprenditorjali u maniġerjali.
- **Titjib tal-ambjent kummerċjali**
Dan jirrikonoxxi politiki innovattivi fuq livell nazzjonali, reġjunali jew lokali li jippromwovu t-twaqqif u t-tkabbir ta' intrapriża, li jissimplifikaw proċeduri leġiżlattivi u amministrattivi għan-negozji kif ukoll jimplimentaw il-prinċipju "Aħseb fuq Skala Żgħira l-Ewwel" (*Think Small First*) favur l-intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju.
- **Appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni tan-negozju**
Dan jirrikonoxxi politiki u inizzjattivi li jinkoraġġixxu intrapriżi fil-livell nazzjonali, reġjunali jew lokali u b'mod partikolari negozji ta' daqs żgħir u medju sabiex jibbenefikaw aktar mill-opportunitajiet offriti mis-swieq kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea.
- **Appoġġ tal-iżvilupp ta' swieq ħodor u effiċjenza ta' riżorsi**
Għarfien ta' politiki u inizzjattivi fil-livell nazzjonali, reġjunali jew lokali li jappoġġjaw aċċess ta' SME għal swieq ħodor u jgħinu fit-titjib tal-effiċjenza fir-riżorsi, permezz, pereżempju, ta' żvilupp ta' ħiliet ħodor u tlaqqiġh kif ukoll finanzjament.
- **Intraprenditorija responsabbli u inklużiva**
Din tirrikonoxxi inizzjattivi nazzjonali, reġjunali jew lokali mill-awtoritajiet jew sħubiji pubbliċi/privati li jippromwovu r-responsabbiltà soċjali fost l-impriżi żgħar u medji. Din il-kategorija ser tirrikonoxxi wkoll sforzi bħall-promozzjoni tal-intraprenditorija fost gruppi żvantaġġati bħal dawk qiegħda, speċjalment dawk li ilhom ħafna qiegħda, migranti legali, persuni b'disabbiltà jew nies minn nimoranzi etniċi.

Il-Premju l-Kbir tal-Ġurija jista' jkun minn kwalunkwe kategorija u jingħata lill-parteċipazzjoni li titqies li hija l-aktar inizjattiva intraprenditorjali kreattiva u li toħloq ispirazzjoni fl-Ewropa.

Għalhekk, jekk inti awtorità nazzjonali, reġjunali jew lokali, jew sħubija bejn is-settur pubbliku u dak privat, minn kullimkien ġewwa l-UE, jew pajjiżi assoċjati fil-Programm ta' Kompetittività u Innovazzjoni (CIP), I-Islanda, is-Serbja jew it-Turkija u ħdimt fuq inizjattiva ta' suċċess li tat spinta lill-ekonomija tiegħek kemm fil-livell nazzjonali, reġjunali jew lokali, inti mħeġġeġ biex tipparteċipa!

Hemm żewġ stadji ta' għażla; il-parteċipanti jistgħu jiġu kkunsidrati għall-Premju Ewropew biss wara li jkunu għaddew mill-għażla inizjali fuq livell nazzjonali. Ġurija ta' profil għoli ser tagħżel lir-rebbieħa finali, li għandhom jiġu mħabbra f'ċerimonja f'Novembru 2019.

Għal tagħrif sħiħ fuq il-premjijiet:

http://ec.europa.eu/growth/smes/support/enterprise-promotion-awards/index_en.htm

Sir af aktar dwar il-kompetizzjonijiet nazzjonali mill-kuntatt nazzjonali tiegħek:

Noel Bartolo
Small Businesses and Crafts Unit
Commerce Department
Lascaris Bastions
Daħlet Ġnien is-Sultan
Valletta VLT 1933

noel.m.bartolo@gov.mt

+356 25690350

**Inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea,
DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs**